**MT**

KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 16 April 2010
SEC(2010) 428 final

**Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni**

**Sinteżi tal-Konsultazzjoni dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni dwar is-Sajd**

MT MT

# WERREJ

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Sinteżi tal-Konsultazzjoni dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni dwar is-Sajd ..... 1

1. Introduzzjoni ..... 3

2. Negħlbu l-ħames nuqqasijiet strutturali tal-politika ..... 5

2.1. Nindirizzaw il-problema inerenti tal-kapaċità eċċessiva tal-flotta ..... 5

2.2. Prijoritizzazzjoni tal-għanijiet tal-politika ..... 6

2.3. L-iffokar tal-qafas tat-teħid tad-deċiżjonijiet fuq prinċipji ewlenin għal perjodu ta' żmien twil ..... 6

2.4. Inħeġġu lill-industrija tieħu aktar responsabbiltà fl-implimentazzjoni tal-PKS ..... 8

2.5. Niżviluppaw kultura ta' konformità ..... 8

3. Intejbu aktar il-ġestjoni tas-sajd tal-UE ..... 9

3.1. Reġim differenzjat tas-sajd għall-protezzjoni tal-flotot kostali fuq skala żgħira? ..... 9

3.2. Nieħdu l-aktar li nistgħu mis-sajd tagħna ..... 10

3.3. Stabbiltà relattiva u aċċess għas-sajd kostali ..... 11

3.4. Il-kummerċ u s-swieq – mill-qabda sal-konsumatur ..... 12

3.5. L-integrazzjoni tal-Politika Komuni dwar is-Sajd fil-kuntest usa' tal-Politika Marittima ..... 12

3.6. Il-bażi tal-għarfien għall-politika ..... 13

3.7. Il-politika strutturali u l-appoġġ finanzjarju pubbliku ..... 14

3.8. Id-dimensjoni esterna ..... 15

3.9. L-akkwakultura ..... 15

4. Suġġetti oħra mqajma ..... 16

5. Kontribuzzjonijiet taċ-ċittadini ..... 17

6. Il-passi li jmiss ..... 17

## 1. INTRODUZZJONI

Il-Politika Komuni dwar is-Sajd (PKS[1]) ġiet riveduta fl-2002. Ir-regolament bażi l-ġdid[2] daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003, u jinkludi dispożizzjoni li l-Kummissjoni Ewropea (KE) għandha tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-Kapitoli dwar il-konservazzjoni u l-kapaċità tas-sajd qabel it-tmiem tal-2012. Il-Kummissjoni bdiet din l-analiżi billi ppubblikat Green Paper[3] segwita minn perijodu ta' konsultazzjoni bid-data ta' għeluq għat-tweġibiet bil-miktub tkun il-31 ta' Diċembru 2009[4].

Matul il-perijodu ta' konsultazzjoni, b'kollox wasal total ta' 382 kontribuzzjoni (flimkien ma' email tal-massa ta' 1329 risposta identika). Il-kontribuzzjonijiet huma disponibbli fuq il-websajt[5], u lista tal-kontribuzzjonijiet hija pprovduta fl-Anness 1.

Kemm matul it-tħejjija tal-Green Paper kif ukoll matul il-perijodu ta' konsultazzjoni saru laqgħat mal-partijiet interessati, l-amministrazzjonijiet tal-SM kostali kollha, u organizzazzjonijiet u entitatjiet oħra. Lista tal-laqgħat bil-parteċipazzjoni tal-KE hija pprovduta fl-Anness 2.

Dan id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (CSWD) jippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-kontribuzzjonijiet għal din il-konsultazzjoni mingħajr ma jfassal konklużjonijiet rigward l-għażliet li għandhom jiġu studjati aktar f'valutazzjoni tal-impatt. Is-sinteżi tikkunsidra r-riżoluzzjoni li adotta l-Parlament Ewropew (PE) fuq il-Green Paper fis-sessjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2010. Is-sinteżi hija organizzata skont il-kontenut tal-Green Paper.

**Tabella 1 – Rendikont tal-kontribuzzjonijiet**

| Tip | Numru | Eżempji |
|---|---|---|
| Pubbliku ġenerali | 114 + 1329 emails identiċi | Firxa wiesgħa ta' ċittadini |
| Industrija/grupp ta' interess organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati | 117 | L-aktar assoċjazzjonijiet tas-sajd; assoċjazzjonijiet tas-sajjieda bil-qasba, organizzazzjonijiet tal-ipproċessar, assoċazzjonijiet tal-bejjiegħa bl-imnut, korpi tat-turisti |
| Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili | 63 | L-aktar NGO ambjentali; ukoll NGO tal-benesseri tal-annimali, NGO tal-konsumaturi, NGO tal-iżvilupp |
| Akkademji | 16 | Istituzzjonijiet tal-Università, istituzzjonijiet tar-riċerka nazzjonali, netwerks ta' riċerkaturi, organizzazzjonijiet tar-riċerka |

[1] L-Anness 3 fih lista ta' akronimi.

[2] REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd.

[3] Green Paper dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2009) 163 final, 22 ta' April 2009)

[4] Dan id-dokument ta' ħidma jirrifletti l-kontribuzzjonijiet għall-Green Paper li waslu minn barra l-Kummissjoni.

[5] http://ec.europa.eu/fisheries/reform/consultation/received/index_en.htm

| | | |
|---|---|---|
| Amministrazzjonijiet tal-SM/aġenziji | 30 | Ministeri, aġenziji tal-gvern, u parlamenti |
| Gvern reġjonali jew lokali | 35 | L-aktar ir-reġjuni u komuni kostali b'dipendenza tas-sajd, korpi ta' ġesjoni tas-sajd reġjonali tar-Renju Unit |
| Istituzzjonijiet oħrajn u korpi konsultattivi tal-KE | 8 | Parlament Ewropew, Kumitat tar-Reġjuni, Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, KKSA, KKR, membri individwali tal-PE, korpi intergovernattivi. |
| Pajjiżi terzi | 11 | Kunsill Nordiku, in-Norveġja (organizzazzjonijiet tal-gvern u oħrajn varji), l-Iżlanda, New Zealand, grupp AKP |
| | 394 (+ 1329) | |

## 2. NEGĦLBU L-ĦAMES NUQQASIJIET STRUTTURALI TAL-POLITIKA

### 2.1. Nindirizzaw il-problema inerenti tal-kapaċità eċċessiva tal-flotta

B'mod ġenerali, il-kontribuzzjonijiet jikkonfermaw li l-kapaċità tas-sajd tal-UE hija akbar minn dik li jistgħu jiġġustifikaw ir-riżorsi. Iżda ħafna kontributuri jikkuntestaw il-ġeneralizzazzjonijiet ukoll: u jissottomettu li l-varjetà kbira ta' sitwazzjonijiet tirrikjedi valutazzjoni dettaljata bbażata fuq il-flotta jew fuq is-sajd. Ħafna, inklużi xi Stati Membri (SM) u l-PE jitolbu li jsir tali kejl, kemm teknikament kif ukoll ambjentalment, u l-industrija tas-sajd tenfasizza wkoll id-dimensjoni ekonomika u soċjali. Il-PE jiġbed l-attenzjoni lejn (b'mod partikolari dawk fuq skala żgħira) sezzjonijiet tal-flotta li jeħtieġu jiġġeddu jew jiġu sostitwiti (għas-sigurtà jew għat-tnaqqis tal-impatt ambjentali) mingħajr ma tiżdied il-kapaċità.

Numru limitat ta' SM u partijiet interessati jirrakkomandaw it-tkomplija tal-approċċ ta' ġestjoni tal-kapaċità attwali. Xi organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGO) jipproponu tnaqqis obbligatorju tal-kapaċità abbażi tal-flotta. Xi wħud jagħmlu konnessjoni bejn tnaqqis fil-kapaċità u pjanijiet tal-ġestjoni tas-sajd. L-awtoritajiet reġjonali tar-reġjuni l-aktar imbiegħda (bl-appoġġ tal-SM tagħhom) jitolbu għal ġestjoni tal-kapaċità separata kontinwa għall-flotot tagħhom.

Skema ta' skrepjar ffinanzjata minn fondi pubbliċi ta' darba biex tissostitwixxi d-dekommissjonar attwali mhijiex appoġġata ħafna, għalkemm il-maġġoranza tal-kontributuri, bħal pereżempju l-PE, jikkunsidrawha bħala utli taħt ċerti kundizzjonijiet. Xi SM jiddubitaw l-effikaċja ta' skrepjar permanenti ssussidjat.

Maġġoranza ta' SM u partijiet interessati jqisu l-ġestjoni bbażata fuq id-drittijiet bħala waħda utli fl-immaniġġjar tal-kapaċità eċċessiva, b'aktar eżitazzjoni għal drittijiet individwali trasferibbli (DIT) u numru żgħir jopponuhom bis-saħħa. Il-maġġoranza l-kbira tal-SM jargumentaw li l-SM għandhom jiddeċiedu fuq ġestjoni bbażata fuq id-drittijiet.

Ħafna kontribuzzjonijiet jiġbdu l-attenzjoni fuq ir-riskju tal-konċentrazzjoni tad-drittijiet tas-sajd taħt id-DIT filwaqt li jinsistu li dan għandu jiġi evitat. Ir-rispett għal stabbilità relattiva (SR) huwa msemmi f'numru ta' kontribuzzjonijiet kontra l-KIT

fuq livell tal-UE. Maġġoranza kbira ħafna tal-kontribuzzjonijiet jaħsbu li l-KIT mhumiex xierqa għas-sajd fuq skala żgħira.

## 2.2. Prijoritizzazzjoni tal-għanijiet tal-politika

B'mod ġenerali, hemm qbil li s-sostenibbiltà ekoloġika toħloq il-bażi għal settur tas-sajd vjabbli, bi ftit kunflitt fuq żmien twil bejn l-objettivi ekoloġiċi, soċjali u ekonomiċi. Għal xi wħud, id-diskussjoni fuq il-prijoritizzazzjoni hija temporali u rilevanti biss għal deċiżjonijiet fi tranżizzjoni għal sajd sostenibbli.

Il-PE u oħrajn huma kontra l-prijoritizzazzjoni *a priori* tal-objettivi. Ħafna mill-industrija tal-qbid (u ftit awtoritajiet reġjonali) tinsisti fuq bilanċ bejn it-tliet pilastri - b'ħolqien ta' impjiegi bħala objettiv awtonomu, u trejdjunjins jenfasizzaw ukoll l-aspetti soċjali. L-opinjonijiet tal-SM ivarjaw minn sostenibbiltà ekoloġika fil-qalba sa importanza ugwali fuq it-tliet pilastri tas-sostenibbiltà. Xi SM jiffokaw fuq is-sajd bħala provvista tal-ikel u sigurtà tal-ikel (bħala objettiv ġdid), oħrajn fuq is-sajd bħala sors ta' impjiegi fil-komunitajiet kostali. NGO ambjentali jqisu s-sostenibbiltà ekoloġika bħala l-qalba tal-politika, u jagħmlu rabta bejn il-PKS u l-politika marittima usa' u d-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima (DQSM, Direttiva 2008/56/KE). Kummerċjanti, bejjiegħa bl-imnut u xi industriji tal-ipproċessar jagħtu prijorità lis-sostenibbiltà ekoloġika.

Hemm kunsens wiesgħa li l-*rendiment massimu sostenibbli* (RMS) għandu jkun fost il-miri (bħal fil-Komunikazzjoni tal-KE COM(2006)360 dwar id-dikjarazzjoni tas-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli). B'mod ġenerali, il-PE u l-industrija tal-qbid ifittxu tul ta' żmien flessibbli għall-implimentazzjoni b'mod patikolari fis-sajd imħallat, u jqisu l-RMS bħala direzzjoni milli mira speċifika, u jikkunsidraw li l-aspetti soċjali u ekonomiċi għandhom jiġu nklużi wkoll f''sostenibbli'. L-NGO ambjentali min-naħa l-oħra huma mħassba li l-RMS ma jkunx prekawzjonarju fil-każijiet kollha, u jiddikjaraw li l-impatti usa' tas-sajd fuq l-ekosistema huma parti minn 'sostenibbli' fl-RMS.

Bosta kontribuzzjonijiet jinsistu fuq il-minimizzazzjoni jew l-eliminazzjoni tal-iskart bħala mira importanti għas-sostenibbiltà ekoloġika, għalkemm xi kontribuzzjonijiet isostnu li l-iskart huwa inerenti għas-sajd imħallat.

## 2.3. L-iffokar tal-qafas tat-teħid tad-deċiżjonijiet fuq prinċipji ewlenin fuq perjodu ta' żmien twil

Il-kontribuzzjonijiet jesprimu appoġġ ġeneralizzat għat-teħid ta' deċiżjonijiet fejn il-politiċi (il-Kunsill u l-PE) jadottaw l-objettivi ġenerali ta' prinċipju u politika (msejħa b'mod differenti f'kontribuzzjonijiet differenti). It-teħid tad-deċiżjonijiet għandu jkollu perspettiva fuq perjodu ta' żmien twil f'approċċ ta' ekosistemi b'mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-verifika tal-iżvilupp tal-politiki u tad-deċiżjonijiet mill-KE u/jew fuq livell reġjonali. Issir referenza kbira għall-eliminazzjoni tal-iffokar fuq żmien qasir, il-ġestjoni minn fuq għal isfel jew ġestjoni mikro, u għat-tneħħija tan-negozjati fid-dettall mill-Kunsill. Xi wħud jappellaw lill-Kunsill biex jirrispetta l-parir xjentifiku bħala wieħed vinkolattiv meta jkun qiegħed jadotta l-qabdiet totali permessibbli (TAC).

Ħafna kontributuri, b'mod partikolari l-NGO u numru limitat ta' SM jappoġġaw setgħat ta' delegazzjoni/ implimentazzjoni għall-KE f'oqsma speċifiċi (bħal pereżempju miżuri tekniċi). Ħafna jemmnu wkoll li pjanijiet ta' ġestjoni fuq perjodu ta' żmien twil, żviluppati fuq livell rejonali għandhom jiġu adottati mill-KE. Sabiex tiġi evitata 'liċenzja libera' għall-KE, numru sinifikanti ta' kontributuri jipproponu proċedura b'Kumitat Regolatorju, jew l-involviment tal-Kunsilli ta' Konsulenza Reġjonali (KKR) jew tal-industrija. Grupp limitat (l-aktar xi awtoritajiet reġjonali) jopponi din id-delegazzjoni, bi SM wieħed jargumenta li ħafna deċiżjonijiet 'tekniċi' jista' jkollhom impatt politiku jew soċjali ċar.

L-appoġġ għal bidla lejn xi forma ta' reġjonalizzazzjoni akbar huwa ġeneralizzat. Tintuża taħlita ta' terminoloġija – pereżempju xi wħud jirreferu għar-reġjonalizzazzjoni fil-livell tal-baċin tal-baħar, oħrajn għal reġjuni fi ħdan l-SM. Xi wħud jinsistu fuq is-sussidjarjetà fejn l-SM joħolqu kumitati reġjonali għall-ġestjoni u livell għoli ta' awto-regolamentazzjoni. Oħrajn jipproponu kooperazzjoni sempliċi bejn l-SM fuq kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u kontroll, u xi wħud jaraw li hemm lok għal setgħat ta' deċiżjoni ddelegati fuq pereżempju l-aċċess, ir-riżorsi jew il-ġestjoni tal-flotta.

Numru sinifikanti jidentifika l-ħtieġa għal korp reġjonali separat, b'livelli varji ta' setgħat u responsabbiltajiet. Ħafna, inkluż il-PE, jipprevedu korp konsultattiv prinċipalment biex jiddiskuti u jħejji proposti għall-adozzjoni ta' politiki u leġiżlazzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE. Billi jassoċja l-partijiet interessati u oħrajn involuti, il-korp reġjonali mbagħad jintuża għal djalogu u diskussjoni. Ir-reġjun Baltiku huwa kultant imsemmi bħala pilota possibbli ta' organizzazzjoni ta' SM li jiżviluppa u jiddeċiedi dwar regolamenti applikati (pereżempju l-iskart, il-ġestjoni tal-kwoti nazzjonali). Oħrajn iqisu korp reġjonali bħala l-entità ta' implimentazzjoni għall-pjanijiet fuq żmien twil bi ftit lok għal setgħat operattivi li jirregolaw u deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni. Xi wħud jirrakkomandaw id-devoluzzjoni ta' setgħat (pereżempju dettalji tekniċi u r-regolament tal-isforz). Xi kontribuzzjonijiet jissuġġerixxu akkumulazzjoni ta' funzjonijiet.

Dwar il-kompożizzjoni, ħafna jaraw l-entità reġjonali bħala entità mmexxija mill-SM, f'għadd ta' każijiet, is-sħubija tal-industrija u tal-partijiet interessati hija rrakkomandata, filwaqt li f'kontribuzzjonijiet oħrajn, il-partijiet interessati jżommu funzjoni konsultattiva permezz tal-KKR. Il-KE hija prevista bħala membru f'xi kontribuzzjonijiet filwaqt li f'oħrajn bħala osservatur/kollaboratur attiv. Xi wħud jipproponu trasformazzjoni tal-KKR f'korp konsultattiv reġjonali kemm mal-SM kif ukoll mal-partijiet interessati.

Dwar il-KKR, hemm xi messaġġi ċari: is-suċċess tagħhom għandu jiġi estiż permezz tat-tisħiħ tagħhom, u (skont il-KKR infushom) billi l-parir tagħhom jingħata aktar importanza, b'mod partikolari f'każijiet ta' unanimità tal-pariri. Il-PE, b'mod espliċitu jitlob fondi adegwati. Xi wħud jipproponu bidla fil-kompożizzjoni għal bilanċ aħjar tal-industrija mal-interessi l-oħra u l-partijiet interessati mhux irrappreżentati.

### 2.4. Inħeġġu lill-industrija tieħu aktar responsabbiltà fl-implimentazzjoni tal-PKS

Bosta SM jikkunsidraw li l-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP) u organizzazzjonijiet tas-sajjieda oħrajn għandhom jirċievu aktar responsabbiltà ta' implimentazzjoni fuq il-konservazzjoni u l-kontroll, u jħallu l-aħjar soluzzjonijiet tekniċi għal dawn l-organizzazzjonijiet. Iżda l-awto-ġestjoni għandha tiżviluppa biss wara valutazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji, u billi jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet nazzjonali (jiġifieri l-qafas ġuridiku). L-industrija tappoġġa b'kawtela l-awto-ġestjoni u dan m'għandux jgħaddi r-responsabbiltà għall-falliment tal-ġestjoni tas-sajd fuq is-sajjieda. Dawn huma lesti li jersqu lejn l-awto-ġestjoni jekk din tagħti lis-sajjieda l-possibbiltà li jiddeċiedu fuq l-aħjar soluzzjonijiet tekniċi biex jilħqu l-miri miftiehma, u b'hekk jitbiegħdu mill- mikroġestjoni u r-regoli kkumplikati. Ċerti prekundizzjonijiet u kriterji għandhom jiġu ssodisfati skont l-istandards u l-prinċipji stabbiliti fil-livell tal-UE. Ħafna mill-NGO ambjentali mhumiex ħerqana għall-idea ta' awto-ġestjoni minħabba li kwalunkwe devoluzzjoni ta' responsabbiltà akbar teħtieġ kontroll u infurzar stretti. Huma jippreferu kunċetti ta' governanza parteċipattiva jew ko-ġestjoni.

L-NGO ambjentali, iżda wkoll xi Stati Membri, l-industrija u l-PE ġeneralment jappoġġaw il-ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati skont objettivi ċari u miri li jistgħu jitkejlu. L-UE għandha tiżviluppa mekkaniżmi sabiex tiżgura responsabbiltà tal-industrija u konformità permezz tad-dokumentazzjoni. Bħala kumpens għal dan, għandhom jinħolqu inċentivi biex jippremjaw inizjattivi pożittivi flimkien mal-bini tal-kapaċità. Responsabbiltà tal-industrija miżjuda hija possibbli biss bl-integrazzjoni orizzontali u vertikali suffiċjenti tas-settur tas-sajd. Il-partijiet interessati kollha jqisu li l-UE għandha tippromwovi l-organizzazzjoni tas-sajjieda (ħafna jaqblu fuq l-irwol ewlieni tal-OP), speċjalment fejn l-industrija tkun frammentata. Xi kontributuri hawn jinsistu fuq approċċ differenzjat, għaliex mhux is-sajd kollu se jkun jista' jimxi bl-istess veloċità f'dan il-proċess.

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati iżda wkoll il-PE u numru ta' SM jikkunsidraw li r-responsabbiltà miżjuda tal-industrija tmur id f'id ma' involviment aħjar fil-teħid tad-deċiżjonijiet. Interessanti huwa l-fatt li s-sajjieda, l-SM u l-NGO ambjentali jirreferu għall-istess l-aħjar prattiċi f'termini ta' responsabbiltà miżjuda u ġestjoni sostenibbli. Kollha jiġbdu l-attenzjoni lejn l-importanza tal-qsim tal-aħjar prattika (u l-fallimenti), permezz tal-KKR u korpi ta' ġestjoni reġjonali oħrajn.

Xi SM u NGO ambjentali jikkunsidraw li (xi) spejjeż għall-ġestjoni tas-sajd għandhom jitħallsu mill-utent tar-riżorsi iżda dawn ma jaqblux fuq l-aħjar għażla (ħlas għall-aċċess kontra taxxi fuq l-iżbarki/dħul). Ħafna kontribuzzjonijiet tal-industrija jargumentaw li l-industrija diġà tagħmel ħlasijiet sinifikanti għall-ġestjoni tas-sajd.

### 2.5. Niżviluppaw kultura ta' konformità

Il-kapaċità eċċessiva tal-flotta, il-kumplessità tar-regoli, il-problemi bil-ġbir ta' data u s-sanzjonijiet mhux adegwati u varjati huma msemmija b'mod ġenerali bħala l-muturi ewlenin għan-nuqqas ta' konformità u n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ugwali.

Il-maġġoranza tal-SM u l-NGO huma pożittivi dwar ir-Regolament ġdid ta' kontroll (1224/2009), iżda l-industrija tesprimi wkoll tħassib dwar implimentazzjoni aħjar tar-regoli. Ħafna kontribuzzjonijiet tal-SM u tal-industrija jirrakkomandaw regoli sempliċi tal-PKS u approċċi multi-annwali sabiex titjieb il-konformità, filwaqt li l-NGO jiġbdu l-attenzjoni wkoll fuq il-ħtieġa għall-estensjoni ta' tekniki ta' kontroll (Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti, kameras tat-tv *closed-caption*). L-opinjonijiet huma differenti fuq aktar setgħat għall-KE u rwol akbar għall-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd, anke jekk b'mod ġenerali din l-Aġenzija hija evalwata b'mod pożittiv pereżempju mill-PE. Bosta kontribuzzjonijiet mill-industrija jikkunsidraw żieda fl-awto-ġestjoni utli.

L-NGO u ċerti Stati Membri jappoġġaw rabta aktar b'saħħitha bejn l-għajnuna finanzjarja u l-konformità tar-regoli tal-PKS u l-obbligi ta' kontroll, filwaqt li l-industrija hija ġeneralment kontra, b'mod partikoli fil-livell ta' operaturi individwali. L-NGO jaraw lok għal inċentivi biex jippermettu aktar rispett tar-regoli.

## 3. INTEJBU AKTAR IL-ĠESTJONI TAS-SAJD TAL-UE

### 3.1. Reġim differenzjat tas-sajd biex jipproteġi il-flotot kostali fuq skala żgħira?

Hemm qbil ġenerali dwar l-importanza tal-flotot tal-kosta fuq skala żgħira għas-sajd Ewropew. Fost l-SM, xi wħud jappoġġaw l-idea ta' reġim differenzjat, filwaqt li numru minnhom mhumiex favur approċċ speċifiku. Numru pjuttost kbir jiġbdu l-attenzjoni għall-ħtieġa li jħallu f'idejn l-SM l-għażla li jimplimentaw miżuri speċifiċi – u ta' spiss jorbtu dan mar-reġim tat-12-mil nawtiku. Il-PE jappoġġa divrenzjar u jitlob għal programmi speċifiċi għall-flotot tal-kosta fuq skala żgħira.

Il-maġġoranza tal-partijiet interessati (kemm l-industrija kif ukoll l-NGO, l-awtoritajiet reġjonali u lokali) huma pożittivi fuq is-sajd kostali fuq skala żgħira minħabba, inter alia, ir-rabta tiegħu mal-komunitajiet lokali, l-użu ta' tagħmir passiv u selettiv, u l-konsum aktar baxx ta' fjuwil. Xi kontribuzzjonijiet jippuntaw lejn problemi potenzjali jekk flotot differenti jimmiraw għall- istess stokks fl-istess żona ta' sajd. Madankollu, bosta kontribuzzjonijiet jenfasizzaw li s-sajd kostali fuq skala żgħira għandu impatt (xi kultant konsiderevoli) fuq ir-riżorsi u għalhekk dawn m'għandhomx ikunu eżentati mill-miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontroll.

Numru kbir ta' kontribuzzjonijiet (inklużi l-PE) jindika l-varjetà ta' sitwazzjonijiet madwar l-UE li jitolbu approċċ flessibli – filwaqt li jadattaw id-definizzjoni għall-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni u/jew tas-sajd. Ħafna partitarji jirrakkomandaw taħlita ta' kriterji ta' għażla, inklużi t-tul tal-bastiment, ir-raġġ ta' azzjoni tas-sajd, it-tul tal-vjaġġ, il-volumi tal-qabda, it-tip ta' tagħmir. Bosta kontribuzzjonijiet tal-NGO u tal-industriji tas-sajd iridu jikkunsidraw il-kriterji soċjali u r-rabta mal-komunità lokali/reġjonali. Xi wħud jipproponu delimitazzjoni bbażata fuq is-sajd fuq u ftit jissuġġerixxu l-inklużjoni ta' sajd rikreattiv fir-reġim speċifiku.

It-teħid ta' deċiżjoni huwa spiss marbut mal-approċċ reġjonalizzat, li jistabbilixxi l-kriterji ġenerali fil-livell tal-UE mal-ġestjoni fil-livell nazzjonali (SM jappoġġaw din l-għażla) jew il-livell reġjonali/lokali. Parti mill-industrija titlob għal ġestjoni fil-livell tas-sajd jew tas-sajjieda (ko-jew awto-ġestjoni).

Hemm qbil ġenerali li l-introduzzjoni ta' ġestjoni bbażata fuq id-drittijiet u l-KIT m'għandhiex tipperikola l-eżistenza kontinwata tal-flotta kostali fuq skala żgħira. Għalhekk l-ebda KIT, jew salvagwardja ma hija meqjusa meħtieġa (sabiex tiġi evitata konċentrazzjoni eċċessiva jew l-akkwiżizzjoni tad-drittijiet tas-sajd). Għajnuna finanzjarja speċifika għall-azzjonijiet bħat-titjib tas-sigurtà (permezz tal-għajnuna għall-modernizzazzjoni), it-taħriġ fil-ġestjoni tas-sajd, iċ-ċertifikazzjoni tas-sajd hija proposta ta' spiss b'xi wħud li jiddefendu wkoll l-appoġġ pubbliku għall-bini ta' bastimenti ġodda għal dawn il-flotot. Oħrajn jemmnu li ż-żamma tal-kwota jew l-aċċess esklussiv għaż-żona għandhom ikunu parti mir-reġim.

## 3.2. Nieħdu l-aktar li nistgħu mis-sajd tagħna

Ħafna kontribuzzjonijiet jikkondividu l-għan li gradwalment jintlaħqu r-rati ta' sfruttament biex jaqblu mal-RMS sal-2015. Jistgħu jiġu enfasizzati xi differenzi meta jiġi kkunsidrat jekk l-FRMS ikollhomx jittieħdu bħala l-mira aħħarija jew bħala waħda intermedjarja, bil-ftuħ ta' opportunitajiet ġodda biex jindirizzaw il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi (xi kontributuri jissuġġerixxu li jinbidel bl-FMEY) jew billi jiġu mfassla miri ġodda konformi mal-ispeċifiċità tas-sajd imħallat jew ma' approċċ eko-sistemiku kompatibbli mal-għanijiet tad-DQSM. Miri ġodda bħal dawn għandhom ikunu assoċjati ma' skedi ta' żmien u ma' skadenzi ċari. Madankollu, xi kummenti jiddikjaraw li l-istrateġija tal-RMS mhux sejra tkun rilevanti għall-istokks u għas-sajd fejn id-dejta ma tkunx disponibbli jew affidabbli.

Dwar l-għodod ta' ġestjoni biex jiġu limitati r-rati ta' mortalità tas-sajd (il-proporzjon għas-sehem ta' stokk maqtul minn attivitajiet tas-sajd) ħafna mill-kontribuzzjonijiet jikkunsidraw il-limiti ta' qbid u ta' sforz bħala rilevanti, li jiddependu prinċipalment fuq it-tipi ta' sajd li għalihom ikunu sejrin jiġu applikati. Diversi kontributuri jesprimu l-utilità tal-ġestjoni tas-sajd pelaġiku uniku permezz tal-limiti tal-qbid u li jkun hemm limiti stabbiliti fuq l-isforzi fil-forom ta' sajd multi-speċifiku u multi-*métiers*. Barraminhekk, ftit kontributuri jitolbu subordinazzjoni ta' sistemi tal-isforz tas-sajd għal sistemi ta' ġestjoni tat-TAC. Saħansitra numru iżgħar jinsisti li ma għandu jkun hemm ebda użu ta' għodod tal-isforz jew ta' għodod ibbażati fuq limiti ta' qbid. Bosta jikkummentaw dwar in-nuqqasijiet relatati mas-żewġ għodod: ġestjoni tal-limiti ta' qbid attwalment ibbażata fuq l-iżbarki u limiti ta' sforz jaddattaw pjuttost ħażin għat-tagħmir passiv. Xi kontributuri jinsistu wkoll fuq il-ġestjoni tal-flotta ta' kapaċità kumplimentari (jew setgħat tas-sajd) u l-isforz tas-sajd. Oħrajn jirrakkomandaw l-eliminazzjoni tal-ħut virtwali jew tal-isforz virtwali (possibiltajiet tas-sajd li strutturalment ma jintużawx). Xi wħud jappoġġaw ukoll il-possibbiltà li jiġu ġestiti komponenti temporali u spazjali tal-isforz tas-sajd jew qabdiet tas-sajd permezz ta' għeluq ġeografiku, żoni marittimi protetti, ġestjoni integrata taż-żoni kostali.

Kontributuri huma favur ħafna l-implimentazzjoni ta' pjanijiet multi-annwali li jappoġġaw approċċ tas-sajd, xi kontribuzzjonijiet saħansitra jitolbu għal pjanijiet eko-sistemiċi multi-annwali. F'xi każijiet, huwa speċifikat li Regoli għall-Kontroll tal-Ħsad f'dawn il-pjanijiet multi-annwali għandhom jirriflettu strettament riżultati magħmula disponibbli permezz tal-proċess konsultattiv xjentifiku għal stokks kbar, gruppi ta' stokks jew is-sajd. U ftit kummenti jenfasizzaw li l-pressjoni politika tonqos minħabba dan meta jiġu kkalkolati l-opportunitajiet tas-sajd. Barraminhekk, xi kummenti jenfasizzaw li l-pjanijiet multi-annwali għandhom jindirizzaw

kwistjonijiet oħrajn, bħall-iskart, l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-qabdiet, iżda wkoll kunsiderazzjonijiet ekonomiċi soċjali. Xi kontributuri jesprimu li l-politika ta' ġestjoni tal-kapaċità għandha tkun adatta għall-iżvilupp ta' dawn il-pjanijiet multi-annwali. Dwar l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom, huwa rrakkomandat proċess aktar flessibli u li l-KKR jingħata responsabbiltà akbar.

Dwar miżuri tekniċi u l-KIT, ix-xejriet fil-kontribuzzjonijiet jidhru inqas ċari; bosta kummenti jenfasizzaw li ma tista' tiġi kkunsidrata l-ebda soluzzjoni unika, oħrajn jindikaw titjib aħjar fil-fiduċja għal miżuri tekniċi ta' konservazzjoni milli fuq l-iżvilupp tal-KIT. Madankollu, bosta kummenti jinsistu fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-problemi marbuta mal-iskart (projbizzjoni fuq l-iskart tidher li għadha kontroversjali) u l-qabdiet inċidentali.

Idejat oħrajn, ftit jew wisq direttament marbuta ma' kwistjonijiet ta' konservazzjoni, jidhru f'bosta kontribuzzjonijiet, bħall-ħtieġa li jiġi ristrett l-aċċess fil-flotot tat-12-il mil għall-flotot fuq skala żgħira jew aġġornament possibbli ta' stabbiltà relattiva.

## 3.3. Stabbiltà relattiva (SR) u aċċess għas-sajd kostali

Maġġoranza kbira tal-kontribuzzjonijiet (inklużi ħafna mill-SM) tappoġġa li jinżamm il-prinċipju tal-SR (meqjus minnhom bħala ġebla tax-xewka tal-PKS, li jipprovdi sigurtà u stabbiltà). Numru limitat ta' kontribuzzjonijiet huwa lest li jikkunsidra mill-ġdid il-prinċipju, favur aktar mudelli bbażati fuq is-suq għad-drittijiet tas-sajd jew transizzjoni għall-isforz fis-sajd imħallat, u/jew bidla radikali għall-aċċess/allokazzjoni bbażata fuq kriterji ambjentali jew tal-ekwità (prinċipalment numru ta' NGO ambjentali). Il-PE jitlob li tiġi eżaminata l-ħtieġa ta' bidla fil-prinċipju, iżda jinsisti li l-benefiċċji tal-SR għall-komunitajiet kostali għandhom jinżammu.

Hemm appoġġ wiesa' għar-reviżjoni tal-koeffiċjenti ta' allokazzjoni u biex jiġu aġġornati mar-realtajiet attwali, b'mod partikolari billi jiġi kkunsidrat it-tpartit tal-kwoti li jirritornaw kull sena. Oħrajn jirrakkomandaw l-adattament għall-kapaċità tas-sajd reali.

Is-sistema ta' trasferimenti u tpartit tal-kwoti huwa aċċettat b'mod wiesa', xi wħud jissuġġerixxu l-iżvilupp ulterjuri ta' trasferimenti ta' kwota (permezz ta' tpartit fl-industrija u l-possibbiltajiet ta' tpartit ma' pajjiżi terzi).

Maġġoranza assoluta tappoġġa il-kontinwazzjoni tar-reġim tat-12-il mil nawtiku, l-PE jitlob għal natura permanenti għar-reġim. Grupp kbir jipprevedi li jorbotha mal-protezzjoni tal-flotot fuq skala żgħira. Xi kontribuzzjonijiet jirrakkomandaw reġim b'aċċess limitat għal bastimenti li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet sostenibbiltà, jew jillimitaw l-aċċess għal sajd speċifiku, jew jintegraw is-sajd maż-Żoni Marittimi Protetti. Numru limitat ta' kontribuzzjonijiet jissuġġerixxi li r-regoli imposti mill-SM fi ħdan iż-żona tat-12-il mil nawtiku għandha tapplika għall-bastimenti kollha attivi f'dawk l-ibħra. B'mod sporadiku ritorn għall-ibħra territorjali jew il-kanċellazzjoni ta' arranġamenti għall-aċċess reċiproku bejn l-Istati Membri huwa rakkomandat.

### 3.4. Il-kummerċ u s-swieq – mill-qabda sal-konsumatur

Ġeneralment l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS, Reg. 104/2000) huwa kkunsidrat bħala pilastru fundamentali tal-PKS. Enfasi għandha tkun fuq is-suq kollu kemm hu, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-akkwakultura.

L-SM, il-PE u l-kontribuzzjonijiet tal-industrija jenfasizzaw r-rwol tal-OP, dawn għandhom jiġu msaħħa u jingħataw aktar responsabbiltà kemm fil-produzzjoni kif ukoll fil-ġestjoni tar-riżorsi, ippjanar aħjar fis-suq u r-rispons, l-innovazzjoni u l-konċentrazzjoni tal-provvista, inkluż rwol aktar b'saħħtu għall-organizzazzjonijiet (transnazzjonali) ta' bejn il-fergħat. Numru ta' SM jirrakkomandaw aktar fondi għall-OP, biex jappoġġaw aktar responsabbiltajiet, iżda wkoll l-ippjanar tal-kummerċjalizzazzjoni.

Il-ħtieġa għal reviżjoni u simplifikazzjoni tal-prezz u mekkaniżmi ta' intervent hija rikonoxxuta b'mod wiesa', ħafna mill-kontribuzzjonijiet jemmnu li l-irtirar (ta' ħut taħt il-mekkaniżmi ta' intervent tal-OKS) għandhom jiġi eliminati, iżda l-għajnuna li tista' tiġi trasferita 'l quddiem għandha tinżamm. Xi wħud jappoġġaw għajnuna diretta għall-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni. Is-sistema ta' prezzijiet ta' gwida hija apprezzata mill-industrija iżda għandha tkunu aktar adegwata għar-realtajiet (reġjonali), bl-akkwakultura li titlob sistema tal-prezzijiet għaliha.

Ħafna mill-kontribuzzjonijiet jemmnu li t-tikkettjar u ċertifikazzjoni huma strateġiji promettenti fejn qafas regolatorju jista' jikkontribwixxi għat-trasparenza u biex tinbena l-fiduċja tal-konsumatur. Appoġġ għall-promozzjoni tal-konsum jidher aktar kontroversjali.

Fir-rigward tal-politika kummerċjali b'mod partikolari l-importaturi u l-proċessuri jinsistu fuq importazzjonijiet liberalizzati biex jiżguraw provvista tal-materja prima. Diversi SM iridu jżommu r-reġim tat-tariffi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-importaturi huma aktar favur is-sospensjonijiet tat-tariffi. Il-PE u ħafna kontributuri oħrajn jikkummentaw fuq kwistjonijiet non-tariffarji, li jitolbu għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kemm għall-prodotti tal-UE kif ukoll għall-prodotti importati, inkluż permezz ta' salvagwardji, anti-dumping u kontrolli stretti għall-importazzjoni.

### 3.5. L-integrazzjoni tal-Politika Komuni dwar is-Sajd fil-kuntest usa' tal-Politika Marittima

B'mod ġenerali, il-Politika Marittima Integrata (PMI, COM(2007)575) hija meqjusa importanti fil-fatt li għandha tinkludi l-PKS bħala parti integrali u li huma meħtieġa approċċi olistiċi. Is-sitwazzjoni tal-lum hija kkritikata ħafna minħabba politiki inkonsistenti b'nuqqas ta' ambjent ekwu. Il-PE jitlob għal riżorsi finanzjarji suffiċjenti għall-PMI.

Il-partijiet interessati varji (partikolarment l-industrija) jaraw l-iżvilupp tal-PMI bħala possibbiltà li jkollhom vuċi msaħħa dwar l-attivitajiet ta' operaturi ekonomiċi oħrajn jew li jkollhom influwenza akbar fuq deċiżjonijiet politiċi b'impatt fuq is-sajd. Riflessi, kontributuri oħrajn u l-NGO ambjentali jipprevedu aktar setgħa fuq id-deċiżjonijiet dwar is-sajd. Hemm appoġġ wiesa' għall-implimentazzjoni reġjonali

tal-PMI inkluż is-sajd fuq il-livell tal-baċin tal-baħar b'forum reġjonali fejn l-aspetti kollha qegħdin jiġu diskussi. L-istrateġija tal-Baħar Baltiku kienet imsemmija bħala eżempju tajjeb.

Maġġoranza kbira tiffavorixxi PKS konformi mad-DQSM u leġiżlazzjoni ambjentali oħra, kif ukoll l-approċċ tal-ekosistema. L-opinjonijiet huma differenti mil-lat kif l-integrazzjoni għandha tiġi implimentata. B'mod ġenerali, l-industrija ssostni li l-attivitajiet tas-sajd għandhom jitqiesu bħala attività (storikament iġġustifikata) prijoritizzata. L-NGO ambjentali jippreferu li s-sajd jiġi integrat fl-istandards ambjentali.

Dwar l-ippjanar spazjali marittimu, l-industrija titlob aċċess prijoritarju, u għandha tkun ikkonsultata aħjar, filwaqt li diversi Stati Membri u NGO jemmnu li l-PMI għandha ssegwi mekkaniżmi biex tikkonsulta lis-setturi kollha.

L-industrija tinsisti li tista' tappoġġa l-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima u tgħin biex tiżgura li s-sajd ma jimminimizzawx ir-reżistenza tal-ekosistemi tal-baħar. Ħafna NGOs jemmnu li pressjoni mnaqqsa tas-sajd, żoni marittimi protetti u prattiċi ta' konsum imnaqqas ta' fjuwil huma l-aqwa għodod biex tiżdied ir-reżistenza tal-ekosistema għall-bidla fil-klima. SM jsemmu l-ħtieġa għal riċerka msaħħa dwar it-tibdil fil-klima u l-applikazzjoni tal-approċċ tal-ekosistema.

Il-valutazzjoni tal-impatt u għarfien aħjar tal-funzjonament tal-ekosistema huma ġeneralment meqjusin importanti. L-industrija tenfasizza li għandha għarfien tajjeb ħafna tal-ambjent marittimu u għalhekk tista' tkun utli ħafna f'dan il-qasam (pereżempju l-identifikazzjoni ta' żoni vulnerabbli).

### 3.6. Il-bażi tal-għarfien għall-politika

Hemm kunsens li l-PKS għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli. Xi wħud (b'mod partikolari NGO ambjentali u bejjiegħa bl-imnut) jsostnu li l-pariri xjentifiċi għandhom dejjem jiġu segwiti. Il-PE jenfasizza li n-nuqqas ta' għarfien m'għandhux ifixkel l-adozzjoni ta' miżuri ta' prekawzjoni.

Ħafna kontributuri jenfasizzaw approċċi inklussivi u parteċipatorji għar-riċerka u l-pariri xjentifiċi, bl-involviment u l-komunikazzjoni tajba ma' xjenzati tal-partijiet interessati kollha (xi wħud jaraw biss il-bżonn li jinvolvu l-industrija). Ħafna jitolbu riċerka multi-dixxiplinarja u pariri f'kuntest ta' ekosistema, b'integrazzjoni mad-DQSM. Xi kontribuzzjonijiet jindikaw il-ħtieġa li l-proċess konsultattiv xjentifiku jiġi addattat għal qafas ta' ġestjoni reġjonali.

Ħafna kontribuzzjonijiet, fil-gruppi kollha, huma mħassba dwar id-disponibbiltà u l-kwalità tad-dejta (pereżempju dejta soċjali u ekonomika, id-dejta tal-iskart, eċċ). Skont il-gruppi differenti, in-nuqqas ta' dejta jew tagħrif huwa relatat ma' regolamenti restrittivi wisq (is-settur tal-qbid), l-implimentazzjoni ta' approċċ ta' ekosistema (xi SM, il-PE, l-NGO) jew il-fiduċja tal-konsumatur (negozjanti u bejjiegħa bl-imnut).

Suġġerimenti speċifiċi jitolbu għal aktar investiment fir-riċerka, ġbir tad-dejta u l-parir ma' xi kontribuzzjonijiet (PE u ċerti SM) filwaqt li jirrakkomandaw użu aħjar ta' informazzjoni teknoloġika u r-reġistrazzjoni awtomatizzata. Xi wħud jaħsbu li s-

sajjieda għandhom jirċievu inċentivi biex jipprovdu dejta tajba. Xi kontribuzzjonijiet jipproponu struttura ġdida tal-UE (pereżempju aġenzija, *cluster* tal-għarfien) biex jiżguraw l-indipendenza, it-trasparenza u koordinazzjoni u użu aħjar tar-riżorsi.

### 3.7. Il-politika strutturali u appoġġ finanzjarju pubbliku

Bosta kontribuzzjonijiet jesprimu ħtieġa għall-kontinwazzjoni ta' fondi pubbliċi għas-settur tas-sajd. Il-PE qiegħed jitlob aktar riżorsi finanzjarji għall-politika tas-sajd. Grupp ta' SM jappoġġa modifikazzjoni għall-arranġamenti. Ftit SM u l-maġġoranza tal-NGO jinsistu fuq l-eliminazzjoni jew it-tneħħija gradwali tas-sussidji - huma jippreservaw strutturi mhux vijabbli u jżommu d-dipendenza tal-industrija fuq l-appoġġ pubbliku.

Hemm qbil li kwalunkwe appoġġ futur għandu jakkumpanja t-transizzjoni skont il-proċess tar-riforma u jiffaċilita l-aġġustament tal-industrija, bil-għan li jkun hemm sostenibbiltà ekonomika u soċjali fit-tul, jew biex jitaffew il-konsegwenzi ta' żviluppi ewlenin tal-politika (pereżempju bidla għall-RMS, il-PE jipproponi kumpens finanzjarju għas-sajjieda li jiġu affettwati mill-pjanijiet multi-annwali). L-appoġġ tal-UE għandhu jiġi definit aħjar u mmirat b'iffukar fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-titjib tal-protezzjoni tal-baħar, u l-appoġġ għal organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-iżvilupp lokali (fus 4, żvilupp sostenibbli ta' żoni tas-sajd). Hemm appoġġ sinifikanti (xi SM u l-industrija) għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' appoġġ għall-industrija għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' emerġenza, imma qatt li jmorru kontra l-miri stabbiliti għal perjodu ta' żmien twil. L-akkwakultura hija wkoll msemmija ta' spiss bħala benefiċjarja potenzjali tal-appoġġ pubbliku

Ġeneralment, ir-ristrutturar tal-flotta huwa kkunsidrat bħala waħda mill-isfidi ewlenin. Hemm tendenza li jinżamm id-dekummissjonar tal-bastimenti iżda b'applikazzjoni aktar stretta, għal xi wħud permezz ta' skemi tar-rimi ta' darba. Oħrajn jieħdu approċċ alternattiv u jinsistu fuq użu akbar ta' approċċi tas-suq bħall-KIT. Il-finanzjament pubbliku għall-immodernizzar tal-flotta (selettività, teknoloġiji innovattivi u affarijiet simili) huwa appoġġat minn ħafna kontributuri, u numru limitat jirrakkomanda l-appoġġ pubbliku għat-tiġdid tal-flotta (inklużi l-PE u ċerti SM). Xi reġjuni u partijiet interessati jenfasizzaw id-dimensjoni soċjali tar-ristrutturar. Madankollu, l-appoġġ għall-waqfien temporanju mhuwiex appoġġat b'mod espliċitu jekk ikun disponibbli strument alternattiv (pereżempju mekkaniżmu ta' emerġenza).

Aktar kondizzjonalità bejn il-finanzjament tal-UE u l-ilħuq ta' għanijiet tal-PKS tirċievi appoġġ wiesa'. Xi wħud (inklużi xi organizzazzjonijiet tal-industriji) jemmnu li l-konformità mar-regoli/miri għandu jkollhom effett fuq id-disponibbiltà tal-fondi. Approċċ iktar settorjali mhux ibbażat fuq kriterji ta' konverġenza huwa appoġġat b'mod qawwi iżda grupp ta' SM u l-PE jopponu dan. Numru limitat ta' kontribuzzjonijiet jirrakkomandaw tneħħija gradwali tal-appoġġ nazzjonali (inklużi l-eżenzjoni mit-taxxa u reġimi ta' għajnuna mill-istat, pereżempju *de minimis*). Maġġoranza assoluta kemm tal-industriji kif ukoll tal-SM jikkunsidraw li s-servizzi komuni (bħall-kontroll u l-ġbir tad-dejta) għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-finanzjament futur tal-UE.

## 3.8. Id-dimensjoni esterna

Ħafna kontribuzzjonijiet jaffermaw l-importanza tad-dimensjoni esterna u jenfasizzaw li l-objettivi tal-PKS għandhom japplikaw ugwalment b'mod intern u b'mod estern biex tiġi żgurata koerenza politika. Il-PE u xi oħrajn jaraw id-difiża tal-interessi tal-Komunità bħala għan ta' gwida. Maġġoranza assoluta tal-partijiet interessati jaqblu fuq il-ħtieġa ta' involviment aktar prominenti tal-UE fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Ġestjoni tas-Sajd (ORĠS) li għandhom rwol importanti ħafna fil-governanza globali tas-sajd. Dan għandu jinkludi wkoll informazzjoni u pariri xjentifiċi mtejba, involviment akbar tal-partijiet interessati kollha, u proċessi aktar trasparenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-maġġoranza tal-partijiet interessati jirrakkomandaw il-kontinwazzjoni tal-politika ta' aċċess liberu għall-ibħra internazzjonali taħt l-ORĠS. Madankollu, xi wħud jinsistu li l-benefiċjarji (l-industrija jew il-pajjiżi) għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' ġestjoni, ir-riċerka u s-sorveljanza, jew iħallsu għad-dritt li jistadu fl-ibħra internazzjonali, u l-PE jinsisti dwar l-aċċess biss fejn hemm eċċess tar-riżorsa.

Ħafna kontribuzzjonijiet jiffokaw fuq l-Ftehimiet ta' Sħubija tas-Sajd (FSS). Il-maġġoranza tal-partijiet interessati tal-industrija jippreżentaw il-każ biex tinżamm l-istruttura attwali tal-FSS sabiex jiżguraw protezzjoni legali u sajd responsabbli, filwaqt li jipprovdu pjattaforma għall-konformità, it-trasparenza, u l-appoġġ għall-pajjiżi terzi. Żewġ SM jippreferu t-tisħiħ tal-FSS fuq bażi reġjonali li jwassal għal riċerka, kontroll u sorveljanza aktar effettivi u kooperazzjoni reġjonali b'mod ġenerali. Bosta partijiet interessati, speċjalment l-NGO, jipproponu li l-FSS jiġu sostitwiti b'qafas ta' governanza tas-sajd jew ftehimiet sostenibbli ta' provvsita.

Ħafna jaraw l-importanza li jiġu allinjati l-prinċipji tal-PKS u li jaħdmu fuq l-FSS eqreb ma' politiki oħrajn, biex jiżguraw koerenza u sinerġiji mal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomija (FSE), ftehimiet ta' kummerċ, għajnuna għall-iżvilupp u l-appoġġ għall-iżvilupp lokali. Impriżi konġunti huma meqjusin mill-industrija bħala mezz għall-investiment fil-pajjiżi terzi. It-trejdjunjins u xi NGO ambjentali jirrakkomandaw ir-rispett għall-komunitajiet lokali u d-drittijiet tal-ħaddiema lokali. Xi partijiet interessati jenfasizzaw ukoll l-importanza tal-ftehimiet tat-Tramuntana.

Numru kbir ta' partijiet interessati tal-industrija jippreferu ż-żamma tal-metodu ta' finanzjament attwali tal-FSS, filwaqt li numru sostanzjali ieħor ta' stati jsostni li l-FSS għandhom jiġu ffinanzjati privatament jew fi sħubija pubblika-privata. L-NGO jinsistu fuq il-ħlas għall-aċċess għall-ibħra ta' pajjiżi terzi mill-industrija, li għandha tipprova l-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà.

Xi NGO jappoġġaw l-investiment tal-UE biex jiġi trasferit l-għarfien u jitrawwem l-iżvilupp, iżda jinibixxu t-trasferiment tal-kapaċità tas-sajd. L-akkwakultura taħt l-FSS hija appoġġata minn xi partijiet interessati iżda ħafna NGO huma kontriha.

## 3.9. L-akkwakultura

L-akkwakultura hija ġeneralment meqjusa importanti, u hemm talba għaż-żamma tal-istrument finanzjarju biex jappoġġa l-iżvilupp tagħha u biex jiġu integrati l-ħtiġijiet tal-akkwakultura fir-reviżjoni tal-politika tas-suq. Ħafna mill-kontribuzzjonijiet jirreferu għall-importanza soċjo-ekonomika, id-dimensjoni tas-suq, ir-rabta mas-sajd

tal-qbid, il-problemi tal-prodotti importati, u l-aċċess għall-ispazju. Xi partijiet interessati tal-industrija jenfasizzaw li l-akkwakultura għandha titħalla f'idejn l-SM u b'hekk l-akkwakultura titħalla barra mill-PKS. Xi SM jappoġġaw dan, iżda huma favur l-appoġġ finanzjarju mill-UE.

Xi SM u NGO jinsistu fuq il-ħtieġa għal sostenibbiltà u żvilupp ambjentali fi ħdan l-approċċ tal-ekosistema bħala fornitur alternattiv tal-ikel. SM oħra jqisu l-akkwakultura bħala pilastru fundamentali u strateġiku tat-PKS filwaqt li jirrakkomandaw tkabbir koerenti tal-politika tal-UE. Filwaqt li xi NGO jappoġġaw l-akkwakultura sostenibbli, il-maġġoranza tal-NGO ambjentali u rappreżentanti tal-konsumatur jesprimu tħassib dwar l-impatti negattivi tal-prattiċi tal-akkwakultura fuq l-ambjent.

Il-PE, xi SM u oħrajn iqisu l-akkwakultura bħala parti integrali tal-PKS; numru ta' NGO ambjentali jqisu l-integrazzjoni tal-akkwakultura fil-PKS primarjament bħala mezz biex jippromwovu produzzjoni tal-ħut ambjentalment sostenibbli (u soċjalment responsabbli). Huma, u xi assoċjazzjonijiet għall-benesseri tal-annimali, iqisu l-integrazzjoni tal-akkwakultura fil-PKS bħala mezz biex jitnaqqsu l-impatti fuq l-ambjent (pereżempju r-restrizzjoni tal-użu ta' speċi ta' ħut karnivori, il-limitazzjoni tas-sorsi tal-għalf, eċċ). Madankollu, grupp ieħor importanti ta' NGO ambjentali jikkunsidraw li l-akkwakultura m'għandhiex tifforma parti integrali tal-PKS riveduta, iżda dan is-settur għandu jkun speċifikament amministrat taħt strument Ewropew separat jew mill-SM huma stess.

## 4. Kwistjonijiet oħrajn imqajma

Numru ta' kontribuzzjonijiet, partikolarment il-PE, jitolbu li tingħata attenzjoni lid-*dimensjoni soċjali*, inklużi li l-professjoni tkun attraenti, ir-rikonoxximent tal-irwol tan-nisa u gruppi vulnerabbli fis-sajd. Għalkemm l-ispazju limitat għall-azzjoni huwa rikonoxxut, hemm pereżempju sejħa għall-appoġġ għad-djalogu soċjali, għat-taħriġ u r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, għall-attenzjoni għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà abbord, għas-salarji tal-ekwipaġġ. Fost is-suġġerimenti konkreti hemm mekkaniżmi sabiex jiġu protetti l-impjiegi u l-iżvilupp ta' strateġija fit-tul.

L-awtoritajiet li jirrappreżentaw ir-*Reġjuni l-Aktar Imbiegħda* (RAI) u l-PE jinsistu dwar l-importanza tas-sajd iżda jindikaw ukoll il-problemi speċifiċi li jeħtieġu soluzzjonijiet speċjali (inkluża l-ġestjoni tal-flotta separata). F'xi kontribuzzjonijiet, huwa propost approċċ reġjonali, oħrajn jenfasizzaw il-problemi fid-delimitazzjoni tal-aċċess għall-ibħra li jiċċirkondaw RAI. Kontributur wieħed jissuġġerixxi valutazzjoni speċifika tal-impatt tal-politiki għal RAI.

Is-*sajd rikreattiv* jixtieq jiġi kkunsidrat bħala parti interessata sħiħa fil-PKS b'valur sinifikanti għall-ekonomija sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi. Oħrajn iqisu li s-sajd rikreattiv u l-impatt tiegħu fuq l-istokks jeħtieġ li jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-PKS, bi ġbir ta' dejta u miżuri tekniċi speċifiċi fejn meħtieġa.

Fl-aħħar nett il-PE jindika l-*portijiet* bħala faċilitaturi importanti għas-sajd.

## 5. KONTRIBUZZJONIJIET TAĊ-ĊITTADINI

Għalkemm xi kontribuzzjonijiet individwali huma dettaljati ħafna u jindirizzaw kważi l-kwistjonijiet kollha tal-PKS, ħafna minnhom jillimitaw ruħhom meta jittrattaw il-kwistjonijiet. Ħafna ċittadini jridu jwaqqfu s-sajd eċċessiv (xi wħud jipproponu moratorju), iridu l-eliminazzjoni tas-sussidji u l-projbizzjoni ta' tagħmir distruttiv. Projbizzjoni fuq l-iskart hija rrakkomandata f'għadd sinifikanti ta' kontribuzzjonijiet, u xi wħud jitolbu li l-pariri xjentifiċi jiġu segwiti b'mod strett meta jiġu stabbiliti t-TAC. Oħrajn isemmu l-bżonn għat-tnaqqis tal-flotta, aktar kontroll, is-salvagwardja tas-sikek u s-salvagwardja tas-sajd artiġjanali. Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, xi kontribuzzjonijiet jitolbu għall-eliminazzjoni tal-PKS, ir-ritorn lejn żoni ta' 200 mil taħt il-kompetenza tal-SM, u/jew ir-rinazzjonalizzazzjoni tal-politika tas-sajd. Waslu żewġ tipi ta' emails tal-massa: numru limitat jitolbu għal riżervi permanenti tal-baħar sa 40% tal-ibħra Komunitarji flimkien ma' talba għall-projbizzjoni ta' sajd tat-tkarkir distruttiv u biex jiġu eliminati l-iskart u l-qbid aċċidentali. Email tal-massa oħra tinsisti li hemm wisq sajjieda li qegħdin jaqbdu wisq ħut, bil-proposti politiċi li ġejjin: it-tnaqqis tal-flotta b'mill-inqas 50%, ir-rispett tal-pariri xjentifiċi, il-ħolqien ta' netwerk tal-MPA, il-projbizzjoni tal-metodi tas-sajd distruttivi, projbizzjoni tal-iskart, u obbligu għal informazzjoni estensiva dwar il-prodotti u l-produzzjoni għall-konsumatur. Fl-aħħarnett, għandha tiġi enfasizzata kontribuzzjoni partikolari kemm minħabba l-preżentazzjoni tagħha (rakkont bl-istampi) u l-mod kif din il-kontribuzzjoni titratta s-suġġett (it-titolu jispjega kollox: 'Contribution tendre, naïve et insolente à la Poétique Commune de la Pêche' (Kontribuzzjoni ġentili, innoċenti u insolenti għall-Poetika Komuni tas-Sajd)).

## 6. IL-PASSI LI JMISS

Dan id-DĦPK sejjer jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-KE u sejjer jiġi ppreżentat bħala l-bażi għal skambju ta' fehmiet lill-Kunsill tal-Ministri dwar is-Sajd fid-19-20 ta' April 2010. Matul l-2010, il-KE qiegħda tiżviluppa u tħejji l-għażliet politiċi għall-Valutazzjoni tal-Impatt li sejjer jakkumpanja l-proposti għar-riforma. Għal dan l-istadju, hija prevista konsultazzjoni intensiva kemm tal-partijiet interessati kif ukoll tal-Istati Membri, u wara dan l-istadju, jiġu abbozzati l-proposti tar-riforma. L-adozzjoni tal-proposti tar-riforma mill-Kulleġġ tal-Kummissarji hija prevista għall-bidu tal-2011.

**Anness 1 Lista ta' kontribuzzjonijiet li waslu sat-12 ta' Jannar 2010**

**Ċittadini**

114-il kontribuzzjoni individwali + 1329 b'test identiku

**Amministrazzjonijiet tal-Istati Membri/parlamenti/aġenziji tal-gvern**

- Deutscher Bundestag
- Fiskeriverket (SE)
- Miljö- och jordbruksutskottets utlåtande (SE)
- Regeringskansliet (SE)
- SRU - German Advisory Council on the Environment (DE)
- Bundesrat (DE)
- Wirtschaftsrat der CDU(DE)
- UK House of Lords
- UK Joint Nature Conservation Committee
- UK English Heritage
- UK Government
- George MP - UK
- Finnish Ministry for Agriculture and Forestry
- Bundesministerium für Ernährung, Landwirtschaft und Verbraucherschutz (DE)
- Bundesamt für Naturschutz (DE)
- Comhairle nan Eilean Siar (IE)
- Folketingets Udvalg for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri (DK)
- Ministry of Food, Agriculture and Fisheries (DK)
- Marine Environment Unit – Federal Public Service Health, Food Chain Safety and Environment (BE)
- Rząd Rzeczypospolitej Polskiej (PL)
- Ministerio de Medio Ambiente, Medio Rural y Marino – Secretaría General del Mar (ES)
- Assembleia da República – Comissão de Agricultura, Desenvolvimento Rural e Pescas (PT)
- Latvija uzskata – à vérifier
- Vlaamse Overheid (BE)
- Ministry of Agriculture, Nature and Food Quality (NL)
- République française
- Ministry of Agriculture, Forestry and Food (SI)
- Estonia

**Reġjuni u gvern lokali**

- Scottish Government
- Xunta de Galicia
- Junta de Andalucía
- Kent & Essex Sea Fisheries Committee
- Eastern Sea Fisheries Joint Committee
- South Wales Sea Fisheries Committee
- Région Bretagne
- DE - Aktivregion Ostseeküste e.V.
- Poitou-Charentes, Pays de la Loire, Brittany and Lower-Normandy
- Gobierno de Canarias
- Generalitat de Catalunya
- East of England
- IE - South West Regional Authority
- SE - Fiskekommunerna
- CONFERENCE DES REGIONS PERIPHERIQUES MARITIMES D'EUROPE – CONFERENCE OF PERIPHERAL MARITIME REGIONS OF EUROPE
- Västra Götalandsregionen
- Conseil général Morbihan
- Unioncamere Calabria
- COSLA - Convention of Scottish Local Authorities
- Scottish Government
- Comhairle nan Eilean Siar
- Conseil général Finistère
- Région Réunion
- Région Haute Normandie
- Camara Municipal de Sesimbra
- Highland Council
- Gobierno Vasco
- Southern Sea Fisheries District
- Northumberland Sea Fisheries Committee
- UK - Environment Agency
- Seafish
- Aberdeen Council North East Scotland Fisheries Development Partnership
- Cornwall Sea Fisheries District
- Association of Sea Fisheries Committees England
- Département de l'Hérault
- Régions Ultrapériphériques
- Região Autónoma dos Açores
- Welsh Assembly Government
- Région Guadeloupe

**Istituzzjonijiet oħra**

- Kumitat tar-Reġjuni
- Parlament Ewropew (ma wasalx iżda qiegħed jitħejja)
- Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (ma wasalx iżda qiegħed jitħejja)
- UNEP/CMS/ASCOBANS
- HELCOM
- MEP for Munster
- Fianna Fail MEPs
- Bowles MEP
- D. Dodds MEP

**Korpi konsultattivi**

- KKSA
- KKR Baltiku
- NSRAC
- PelRAC
- NWWRAC
- SWWRAC
- LDRAC

**Partijiet interessati – industrija, sajjieda bil-qasba, turiżmu eċċ.**

- Grupo Regal
- Sea Fishery Advisory Group of the Irish Seal Sanctuary
- Pedro Fernández
- Vianapesca
- CPMR North Sea Commission
- ACOPE
- ARVI
- L'Encre de Mer
- OPP48
- Peterhead Port Authority
- AETINAPE
- Promovis Nieuwpoort
- Confederación Española de Pesca Marítima de Recreo Responsable
- UNACOMAR
- Cap l'Orient Agglomération
- Europêche/Cogeca
- OPAGAC
- Associação de Armadores Pesca Artesanal Barlavento Algarvio
- Dutch Fish Product Board
- Mission de la Mer France
- Cornish Fed. Sea Anglers
- AIPCE-CEP
- Visveiling (Marcel Madou)
- Syndicat national des Chefs d'Entreprise à la Pêche maritime
- Danske Havne
- Landesfischereiverband Weser-Ems
- FR - Comité national des Pêches - CNPMEM
- Cornish Fish Producers Organisation
- Scottish Pelagic Fishermen's Association
- Ilhas em Rede
- ANACEP & ANEPAT
- Greenore Cooley Fisherman's Association
- EAFPA
- Konfederazzjoni Ellenika tas-Sajjieda
- DE - Landesvereinigung für Nordseekrabben und Küstenfischer
- Puerto Celeiro
- Fischereischutzverband Schleswig-Holstein
- ACV Transcom Visserij
- AKTEA
- Fédération des Femmes du Milieu Maritime
- Federación Gallega de Cofradías de Pescadores
- The Fishermen's Association Limited
- National Federation Fishermen's Organisations
- Shetland Oceans Alliance
- Shellfish Association of Great Britain
- EuroCommerce

- Eurothon
- Edeka Zentrale
- IHK Nord
- DK-LAG Development North West Sealand
- NGDO Finlandiża
- Scottish Fishermen’s Federation
- Unioncamere Calabria
- BG - Civil Association "Regional Future"
- Rederscentrale
- Unione Italiana Lavoratori Pesca e Acquacoltura
- Fishmongers Company
- ETF
- CDSS
- Scottish Salmon Producers’ Organisation
- Handelsverband Deutschland
- National Association of the Fish Farmers
- Federación Territorial de Cofradías de Pescadores de Barcelona
- Árainn Mhór Island Fishing Committee
- Federation of Irish Fishermen
- PTEPA
- UK - Food and Drink Federation
- CEPPT
- Coastlsig - LGA
- EPF - Entrepreneurs et Pêcheurs de France
- EAPO
- Federación Nacional de Cofradías de Pescadores
- Collectif Pêche et Développement et Encre de Mer
- Cepesca
- Organizzazzjonijiet Daniżi tas-Settur tas-Sajd
- Dutch Anglers Organisation - Sportvisserij
- Angling Trust
- Irish Fishermen’s Organisation
- APC - Advance Planning-Consulting
- ASOAR-ARMEGA
- SESIBAL
- ANFACO-CECOPESCA
- CONXEMAR
- Swedish Fishermen Federation
- EPF- ORTHONGEL
- ADAPI
- SWFPA
- MARGov
- Centrale Economic Council & Consultative Commission for Fisheries
- SWFPO
- South West Handline Fishermen Association

- Fédération française d'Aquaculture
- SeFF Fiskerituri sm
- EAA EFTTA FIPS
- HU - Hartobagy
- WOFFMG
- Federazzjoni Finlandiża għas-Sajd għad-Divertiment
- Organizzazzjoni Estonjana għas-Sajd
- "WFFA
- NUTFA"
- EE - Maritime Cultural Society of Saaremaa
- EE - Saarte Kalandus
- Unjoni Griega tas-Sidien tal-Bastimenti tat-Tkarkir
- Mexillón de Galicia
- ArtesanalPesca
- Angling-school

**NGOs**

- Nederlandse Vegetariërs Bond
- Baltic Sea 2020
- Fishcount.org.uk
- CFFA - CAPE
- 7 NGOs Franċiżi
- ClientEarth-MCS
- Western Sahara Resource Watch
- Green Budget Germany
- WWF European Policy Office
- Irish Wildlife Trust
- Ocean Sentry
- EUCC Marine Team
- Marine Conservation Society
- ProWildlife
- Legambiente
- Seas at Risk
- Food and Water Europe
- COAST - UWE - Hebridean - SSACN - FIMETI
- PEW
- Ocean2012
- Eurogroup for Animals
- CFFA
- Envrionmental Pillar of Social Partnership
- Compassion in World Farming
- German Church Development Service
- Finnish Association for Nature Conservation
- Seas at Risk position
- Royal Society of Edinburgh
- Birdlife
- Ecologistas en Acción
- Greenpeace
- ClientEarth
- Dutch society for the Protection of Animals
- Oceana
- ICSF
- National Heart Forum
- DE - Society for the Dolphin Conservation
- Kenna Eco Diving
- Pro-Sea Foundation
- Project Blue Sea
- Swedish Society for Nature Conservation
- Coalition Clean Baltic
- Deepwave
- New Economics Foundation
- Saharawi NGOs
- PONG Pesca
- EKO-UNIA
- PUGAD
- Fisheries Secretariat

- WWF Mediterranean
- Humane Society International
- DE - IBG (J. Gessner)
- EuroCoop
- IFAW
- Fair-fish

**Organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet tar-riċerka**

- IIEA - Institute of International and European Affairs
- Instituto Español de Oceanografía
- FI - Fisheries and Environmental Management Group
- EFARO
- University of York
- Università di Bologna
- APECE
- Marine Laboratories of the Natural Environment Research Council
- Instituto Español de Oceanografía - Canarias
- Proyecto PRESPO
- German Elasmobranch Society
- Presentation Justice Network, Ireland
- Centro de Biodiversidad y Gestión ambiental
- JRC Ispra
- MARINET

**Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi**

- Il-Gvern Norveġiż
- Il-Kunsill Nordiku tal-Ministri
- Il-Kunsill Nordiku
- Ir-Reġjun tan-Norveġja ta' Fuq
- Ir-Reġjun tan-Norveġja tal-Punent
- Grupp AKP
- Il-Gvern ta' New Zealand
- Il-Federazzjoni Norveġiża tal-Ikel tal-Baħar
- Proġett Norveġiż tal-R&Ż
- S. Gudmundsson

## Anness 2. Laqgħat ta' konsultazzjoni dwar ir-riforma tal-PKS

| | When? (all dates in 2009) | Where? |
|---|---|---|
| **MS Fisheries Administrations** | | |
| DK - All-purpose meeting | 11 May | Copenhague |
| ES -Specific mission | 26 May | Madrid |
| DK - EFF Monitoring Committee | 28 May | |
| IE - EFF Monitoring Committee | 28 May | |
| DK - Annual Fisheries Policy Meeting | 4 June | Kolding, Denmark |
| SK - EFF Monitoring Committee | 12 June | |
| ES - Multi-purpose meeting | 18-19 June | |
| CZ - EFF Monitoring Committee | 19 June | |
| NL - EFF Monitoring Committee | 19 June | Netherlands |
| ES - EFF Monitoring Committee | 23-24 June | |
| PT - EFF Monitoring Committee | 26 June | |
| FR - Multi-purpose meeting | 29-30 June | |
| All Members States (DGs) | 2-3 July | Ronneby |
| BE - Specific meeting | 6 July | Ostende |
| PT - Ad-hoc meeting | 7 July | Lisbon |
| BE - EFF Monitoring Committee | 8 July | |
| FR - Specific mission | 8 July | Paris |
| UK - Multi-purpose meeting | 13-14 July | |
| GR - Conference on the Green Paper | 30 Aug-1 Sept. | Thessalonique |
| AT - EFF Monitoring Committee | 17-18 September | Illmitz |
| PL - Multi-purpose meeting | 22-23 September | Warsaw, Gdynia |
| RO - Conference on the CFP Reform | 3 October | Bucharest |
| IE - Ad-hoc meeting + The Marine Institute | 7-8 October | Dublin |
| DK - Danfish Conference " A new Fisheries Policy for fishers" | 8 October | Ålborg, Denmark |
| IT - Ad-hoc meeting (Adm. + Stakeholders) | 12 October | Sardaigne |

| | | |
|---|---|---|
| SV - EFF Monitoring Committee | 15 October | Gothenburg |
| EE - EFF OP Annual Examination | 18 November | Brussels |
| SV - EFF OP Annual Examination | 24 November | Brussels |
| DE - EFF OP Annual Examination | 25 November | Brussels |
| DK - EFF OP Annual Examination | 26 November | Brussels |
| PL - EFF OP Annual Examination | 1 December | Brussels |
| NL - EFF OP Annual Examination | 3 December | Brussels |
| GR - Conference on the Green Paper | 4 December | Kamena Vourla, Greece |
| BG - Multi-purpose meeting | 7-8 December | Sofia |
| IT - Special event | 10 December | Italy |

**MS Administrations other than fisheries, regions and other events**

| | | |
|---|---|---|
| Chambre de Commerce de Granville, Basse Normandie | 14 May | Brussels |
| AG Commission Arc Atlantique | 15 May | Santander |
| Devon Maritime Forum | 20 May | Brixham |
| EFARO Annual directors meeting | 26 May | Göteborg |
| Fundación Galicia Europa - Presentation to all ES regions | 3 June | Brussels |
| EFF Axis 4 seminar with Baltic MS | 4-5 June | Parnü - Estonia |
| Lower Normandy | 4 June | Caen |
| CRPM - Adonis A4719 | 9 June | Brussels |
| "Inquiry into Future Fisheries Management" - Scottish Government | 15/16 June | Edimburg Videoconference |
| CPMR Working Group "Aquamarina" | 18 June | Brussels |
| 5th meeting with MS experts on Maritime Policy | 23 June | Brussels |
| Biolfish | 25 June | Monopoli |
| Coastal Management for Sustainability | 30 June | London |
| ES - Specific mission | 9-10 July | Granada |
| EU Fisheries Advisor meeting | 17-18 September | Göteborg |
| Five French major maritime regions | 29 September | Brussels |
| CPMR - General Assembly | 30 Sept. 1-2 Oct. | Göteborg |

| | | |
|---|---|---|
| Assises de la pêche - ouverture | 5 October | Paris |
| The East of England Regional Assembly's (EERA) | 5 October | Brussels |
| DE - Presentation at the EU representation | 7 October | Berlin |
| Bretagne - Journée d'échange sur la réforme de la PCP | 20 October | La Forêt Fouesnant |
| Environment Policy Review Group | 26 October | Brussels |
| Assises de la pêche - PACA | 3 November | France |
| Galicia - Meeting between Galician Minister for Fisheries and Commissioner Borg | 5 November | Brussels |
| Scotland | 4-5 November | Scotland |
| EFARO workshop on CFP Reform | 24 November | Ostende |
| DE - COM representation with Land Schleswig-Holstein | 26 November | Buesum |
| ES - Specific mission | 26-27 November | Canary Islands |
| ES - Specific mission | 27 November | Bilbao |
| Assises de l'économie de la mer | 1 December | Brest |
| PT - Meeting with Azores Government | 4 December | Ponta Delgada |
| ES - Specific mission | 18 December | Santiago |

## European Institutions

| | | |
|---|---|---|
| Committee of the Regions | 30 June | Brussels |
| European Economic and Social Committee | 15 July | Brussels |
| European Parliament - Fisheries Committee | 1 September | Brussels |
| European Parliament - Fisheries Committee | 30 Sept/1 Oct | Brussels |
| European Economic and Social Committee - Specialised section | 8 October | Brussels |
| European Parliament - Working lunch with the Rapporteur | 15 October | Brussels |
| European Parliament - Workshop "Reforma da Política Comum de Pesca: O Futuro da Pesca em Portugal" | 21 November | Porto |
| European Parliament - Fisheries Committee | 1 December | Brussels |
| Committee of the Regions | 4 December | Brussels |
| European Economic and Social Committee | 10 December | Brussels |
| European Economic and Social Committee | 8 February | Brussels |
| European Parliament - Study visit by national parliaments' officials to PECH | 25 February | Brussels |

## Stakeholders, including NGOs

| | | |
|---|---|---|
| BSRAC - General Assembly | 8 May | Gdynia, Poland |
| PelRAC working groups | 14-15 May | Leiden |
| MedRAC | 3-4 June | Marseille |
| BSRAC Demersal & Pelagic WK | 9 June | Denmark |
| IEEP | 8 June | Brussels |
| WWFEPO | 10 June | Brussels |
| Green Party | 15 June | Berlin |
| ACFA - Plenary Session | 17 June | Brussels |
| BSRAC ExCom | 22-23 June | Finland |
| PelRAC working group I on reform | 23 June | Schiphol |
| EAPO Seminar on the Green Paper | 26 June | Bénodet - France |
| NSRAC ExCom | 29-30 June | Netherlands |
| SWWRAC - General Assembly | 6-7 July | Paris |
| NWWRAC | 10 July | Paris |
| ACFA - Ad-hoc Group on the Reform + Danish Administration | 8 September | Copenhague |
| NWWRAC ExCom | 8 September | Madrid |
| Natural England | 11 September | Brussels |
| PelRAC GA and ExCom | 16-17 September | Amsterdam |
| ICSF - Small-scale fisheries, coastal communities and CFP Reform | 28 September | Brussels |
| PEW - WWF - Fisheries Secretariat - Ocean2012 - Dinner on US regional fisheries management | 28 September | Brussels |
| PEW - WWF - Fisheries Secretariat - Ocean2012 - Regional Fisheries Management Conference | 29 September | Brussels |
| AGLIA - La pêche et les institutions européennes | 29 September | Brussels |
| ClientEarth and Marine Conservation Society | 30 September | Brussels |
| BSRAC Conference on best practices | 1 October | Sweden |
| Federation of Irish Fishermen | 9 October | Dublin |
| ACFA - Groups 2 & 3 (Aquaculture & Markets) | 13 October | Brussels |
| PELRAC WGs | 14 October | Leiden, |

| | | |
|---|---|---|
| | | Netherlands |
| Eurocommerce | 21 Ocotber | Brussels |
| Seas at Risk | 21 October | Brussels |
| NWWRAC - AG | 28 October | Dublin |
| Inter-RACs Seminar | 3-4 November | Edimburg |
| Social Dialogue + Harvesting sector | 5-6 November | Split |
| Federación Nacional de Cofradías de Pescadores | 7 November | Madrid |
| ACFA - Ad-hoc Group | 10 November | Brussels |
| Trade Unions | 12-13 November | Málaga |
| Oceans Symposium | 13 November | Oxford |
| LPN (= ONG) | 16 November | Lisbon |
| XIV Jornadas de Pesca Celeiro | 21 November | Celeiro, Spain |
| WWFEPO | 24 November | Brussels |
| ADAPI | 3 December | Lisbon |
| Natural England | 8-9 December | London |
| ACFA Plenary Session | 9 December | Brussels |
| Conférence Coopération regionale de l'océan Indien | 10 December | St Denis, Réunion |

## External events

| | | |
|---|---|---|
| Nordic Council of Ministers | 1-3 July | Isafjorden - Iceland |
| XIXth meeting of the European Association of Fisheries Economists (EAFE) | 6-8 July | Malta |
| Conference "Efficient Fisheries Management - Fishing rights and flexibility" | 27/28 August | Reykjavik |
| ESIN - General Assembly | 9 September | Elba, Italy |
| World Fishing Exhibition | 16-19 September | Vigo |
| Nordic Council of Ministers | 13 October | Copenhague |
| Northern Norway | 10 December | Brussels |

**Anness 3. Akronimi**

| | |
|---|---|
| DĦPK | Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni |
| DQSM | Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima |
| FSE | Ftehim ta' Sħubija Ekonomika |
| FSS | Ftehimiet ta' Sħubija tas-Sajd |
| KE | Kummissjoni Ewropea |
| KIT | Kwoti Individwali Trasferibbli |
| KKR | Kunsill Konsultattiv Reġjonali |
| KKSA | Kunsill Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura |
| MSRE | Mortalità mis-Sajd fil-livell tar-Rendiment Massimu Ekonomiku |
| MSRS | Mortalità mis-Sajd fil-livell tar-Rendiment Massimu Sostenibbli |
| NGO | Organizzazzjoni mhux Governattiva (Non-Governmental Organisation) |
| OKS | Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq |
| OP | Organizzazzjoni tal-Produtturi |
| ORĠS | Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd |
| PE | Parlament Ewropew |
| PKS | Politika Komuni dwar is-Sajd |
| PMI | Politika Marittima Integrata |
| RAI | Reġjun l-Aktar Imbiegħed |
| RMS | Rendiment Massimu Sostenibbli |
| SM | Stat Membru |
| SR | Stabbiltà Relattiva |
| TAC | Qabdiet Totali Permissibbli (Total Allowable Catches) |
| UE | Unjoni Ewropea |
| ŻMP | Żona Marittima Protetta |